# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

APRIL 2022 – Ħarġa Nru: 200




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## XMAJJAR TA' DEMM U DMUGĦ…

Hekk iddeskriva l-bidu tal-gwerra fl-Ukrajina, il-Papa Franġisku. Ħadd ma kien qed jobsor li fis-seklu 21, fl-Ewropa kellha tfaqqa' gwerra li ġġib tkissir, imwiet u miljuni ta' rifuġjati.

Matul dawn is-sentejn, bil-pandemija u bil-gwerra li għaddejja bħalissa, aħna n-nies tal-Punent, indunajna li s-sigurtà li konna naħsbu li għandna, ma kienet soda xejn. Daqsxejn ta' virus ipparalizza pajjiżi sħaħ, mhux biss dawk fqar imma anke dawk sinjuri. Żera' mwiet ma' kullimkien u ġab ħafna nkwiet ekonomiku.

Il-gwerra fl-Ukrajina wrietna li għad hawn min hu kapaċi jilgħab bil-fruntieri tal-pajjiżi u jiżra l-mewt u t-tbatija. F'xahar, qed nibżgħu li s-sigurtà fl-Ewropa kif ukoll fid-dinja hija mhedda.

**Feġġet ma' wiċċna**

Il-kelma "gwerra" li nistgħu ngħidu konna nsejniha, u nsibuha biss fil-kotba tal-istorja,



feġġet f'daqqa waħda ma' wiċċna. Inġibu ftit quddiem għajnejna s-suldati u n-nies ċivili mejta, in-nisa u t-tfal rifuġjati f'pajjiżi oħra maħruba minn djarhom, il-qerda ta' tant binjiet u l-infrastruttura tal-pajjiż…

Dan kollu jurina li l-passjoni, ħafna nies qegħdin jgħixuha llum ukoll! U dan mhux fl-Ukrajna biss imma f'diversi nħawi oħra tad-dinja.

Għalkemm aħna mdorrijin infakkru l-passjoni u l-mewt tal-Mulej b'ċelebrazzjonijiet fil-knejjes u fit-toroq tagħna, din għada tieħu diversi forom fi żmienna wkoll – tant tbatijiet minħabba l-faqar, tant nies li jħossu li fallew fil-ħajja, tant familji b'relazzjonijiet imxellfa jew imkissra, tant drittijiet miċħuda, tant tfal u żgħażagħ bla futur minħabba n-nuqqas ta' xogħol, tant nies vittmi tal-vizzji… il-lista hija twila mhux ħażin.

**Mis-salib għall-glorja**

Quddiem dan kollu, Ġesù qed jurina li minkejja t-tbatija li għadda minnha, huwa xorta waħda wasal għall-qawmien u ġab rebħa fuq id-dnub. L-akbar dnub ta' kull żmien huwa l-egoiżmu tal-bniedem. It-tbatija tagħna kapaċi ssaffina u tippurifikana u tagħmilna bnedmin ġodda.

Jalla l-festi tal-Għid jgħinuna li biex naslu għall-glorja, l-ewwel irridu ngħaddu mit-triq tas-salib. L-Ukrajina għad tqum fuq saqajha u l-eżiljati għad jiritornaw lura lejn arthom biex jinbnew mill-ġdid – l-istess bħal-Lhud meta rritornaw lura lejn Ġerusalemm mill-Babilonja. Is-solidarjetà li n-nies tal-punent u nħawi

oħra tad-dinja qed juru mal-Ukreni, turi kemm il-bniedem kapaċi jħoss u jgħin lil min ikun dgħajjef u aggredit minn min jgħid li huwa aqwa minn ħaddieħor.

Nawgura lil kulhadd l-Għid it-Tajjeb li jġib qawmien spiritwali f'kull wieħed u waħda minna.

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR ... APRIL 2022

**Ġimgħa 1:** *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar.* Fis-7.00pm it-tielet laqgħa għall-kandidati tal-Griżma.
**Sibt 2:** L-ewwel jum tal-Q.T. il-Papa f'Malta. Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet.
**Ħadd 3:** **Il-Ħames Ħadd tar-Randan.** L-aħħar jum taż-żjara tal-Papa.
**Tnejn 4:** Fis-6.00pm quddiesa li fiha jsir kors ta' Eżerċizzi għal KULĦADD minn P. Karm Spiteri OCD.
**Ġimgħa 8:** Festa popolari ta' Marija Addolorata. Fis-6.00pm quddiesa bl-għeluq tal-Eżerċizzi. Wara, kunċert ta' mużika sagra b'riflessjonijiet qosra dwar id-duluri ta' Ommna Marija mill-Kor Notradame.
**Ħadd 10:** **Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej.** Bidu tal-Ġimgħa Mqaddsa. Fl-10.00am toħroġ il-purċissjoni mis-santwarju sal-kappella tal-Lunzjata fejn isir it-tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ. Fl-10.15am Konċelebrazzjoni bil-qari tal-Passjoni skond San Luqa. Fil-5.00pm purċissjoni bil-vara ta' Marija Addolorata. Fis-6.00pm quddiesa fis-santwarju.
**Tnejn 11:** Fis-6.30pm quddiesa u fis-7.00pm pellegrinaġġ bil-vara tal-Kruċifissjoni li matulu tingħad il-Via Crucis.
**Ħamis 14:** **Ħamis ix-Xirka.** Fis-6.30pm Konċelebrazzjoni *in Coena Domini* bil-ħasil tar-riġlejn. Wara, Tranżlazzjoni tas-SS.mu Sagrament sal-Altar tar-Repożizzjoni. Fit-8.30pm l-ewwel Viżti. Fid-9.30pm isiru l-Viżti u fl-10.15pm Adorazzjoni li tintemm bit-Talba ta' Għeluq il-Jum (*Il-Kompieta*).
**Ġimgħa 15:** **Il-Ġimgħa l-Kbira** – jum ta' sawm u astinenza. Fis-6.30am u 7.30am isiru l-Viżti. Fit-8.30am kant tal-Uffiċċju tal-Qari (*Matutin*) u t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum (*Lawdi*). Fl-10.15am Adorazzjoni mmexxija mill-membri tal-Museum. Fil-11.00am l-aħħar Viżti. Matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu jkun hawn **konfessuri għall-qrar** fis-santwarju. Fit-3.00pm Tifkira Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej – Qari tal-Passjoni skont San Ġwann, Adorazzjoni tas-Salib u Tqarbin.
**Sibt 16:** **Is-Sibt Imqaddes tal-Għid.** Fit-8.00pm tibda ċ-Ċelebrazzjoni tal-Vġili tal-Għid.
**Ħadd 17:** **Ħadd il-Għid.** Fl-10.15am Konċelebrazzjoni Solenni tal-Għid il-Kbir.
**Tnejn 18:** Tibda l-Ottava tal-Għid
**Sibt 23:** Fis-6.15pm Konċelebrazzjoni ta' radd-il-ħajr immexxija minn Dun Ġużepp Sultana f'għeluq il-50 sena ta' saċerdozju tiegħu.
**Ħadd 24:** **It-Tieni Ħadd tal-Għid jew Ħadd il-Ħniena Divina**. Fil-5.00pm Adorazzjoni tas-SS.mu Sagrament u fis-6.00pm quddiesa.
**Tnejn 25:** San Mark, evanġelista – Festa
**Ġimgħa 29:** Santa Katerina ta' Siena, verġni, duttur tal-Knisja u patruna tal-Ewropa – Festa
**Sibt 30:** San Piju V, papa – Tifkira O

### L-Intenzjoni tal-Papa għal Marzu 2022

***Il-Ħaddiema fil-qasam tas-saħħa***



Nitolbu għal dawk li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa u li jaqdu lill-morda u lill-anzjani, speċjalment fl-ifqar pajjiżi; jalla jkunu msaħħin mill-gvernijiet u l-komunitajiet lokali.

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Alfonsa Tagliaferro (92), Maria Psaila (90), Polly Cassar (83), Alfred Cucciardi (71), Daniel Sciriha (82), Salvino Gatt (66), Peter Cutajar (80), Gregorio Farrugia (87), Grazio Vella (68), Francis Grixti (84), Benjamin Brincat (71), Raymond Attard (64).

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*